31998R2784

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 2784/98

tat-22 ta' Diċembru 1998

li jissupplimenta l-Anness mar-Regolament (KE) Nru 2400/96 dwar id-dħul ta' ċerti ismijiet fir-"Reġistru ta' denominazzjoni protetta ta' oriġini u indikazzjonijiet ġeografiċi protetti" pprovdut bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2081/92 dwar il-protezzjoni ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjoni ta' l-oriġini għall-prodotti u l-oġġetti ta' l-ikel agrikoli

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2081/92 ta' l-14 ta' Lulju 1992 dwar il-protezzjoni ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi u l-ismijiet ta' l-oriġini għall-prodotti u l-oġġetti ta' l-ikel agrikoli [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissijoni (KEE) Nru 1068/97 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 6(3) u (4) tiegħu,

Billi skond l-Artikolu 5 tar-Regolament (KEE) Nru 2081/92, ir-Renju Unit u Franza bagħtu lill-Kummissjoni applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni ta' numru ta' ismijiet bħala indikazzjonijiet ġeografiċi;

Billi, skond l-Artikolu 6(1) ta' dan ir-Regolament, dawn l-applikazzjonijiet instabu li jilħqu l-ħtiġiet kollha stabbiliti fih, u b'mod partikolari fihom it-tagħrif kollu meħtieġ skond l-Artikolu 4 tiegħu;

Billi, għal kull wieħed mill-ismijiet mogħtija fl-Anness ma' hawn, ma ġiet irċevuta mill-Kummissjoni l-ebda dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni skond l-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament wara l-pubblikazzjoni tagħhom fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* [3];

Billi dawn l-ismijiet għandhom għalhekk jiddaħħlu fir-"Reġistru ta' denominazzjoni protetta ta' oriġini u indikazzjonijiet ġeografiċi protetti" u minn issa 'l quddiem jiġu protetti fil-Komunità kollha bħala indikazzjonijiet ġeografiċi protetti;

Billi l-Anness ma' hawn jissupplimenta l-Anness mar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2400/96 [4], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2139/98 [5],

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

L-ismijiet fl-Anness ma' hawn huma hawnhekk miżjuda fl-Anness mar-Regolament (KE) Nru 2400/96 u mdaħħla fir-"Reġistru ta' denominazzjoni protetta ta' oriġini u indikazzjonijiet ġeografiċi protetti" pprovdut bl-Artikolu 6(3) tar-Regolament (KEE) Nru 2081/92 bħala indikazzjonijiet ġeografii protetti (IĠP).

L-Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-22 ta' Diċembru 1998.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 208, ta'l-24.7.1992, p. 1.
[2] ĠU L 156, tat-13.6.1997, p. 10.
[3] ĠU C 120, tat-18.4.1998, p. 7.
[4] ĠU L 327, tat-18.12.1996, p. 11.
[5] ĠU L 270, tas-7.10.1998, p. 7.

L-ANNESS

Il-PRODOTTI ELENKATI FL-ANNESS II MAT-TRATTAT U MAĦSUBA GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM

L-Iġbna

IR-RENJU UNIT

"Il-Ġobon Dorset Blue (IĠP)"

Il-Frott u l-ħaxix ta' l-ikel

FRANZA

"Il-Melon du Haut-Poitou (IĠP)"